

MISTOQSIJA ORALI H-0288/09

għal waqt il-Ħin għall-Mistoqsijiet fis-seduta parzjali fi Settembru 2009
skond ir-Regola 116 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Athanasios Pafilis
lill-Kummissjoni

Suġġett: Miżuri ħorox u antipatiċi

Il-miżuri adottati mill-UE u l-gvernijiet tal-Istati Membri fil-kuntest tad-deċiżjonijiet kontra l-ħaddiema meħuda fis-samit informali dwar l-impjegji tal-UE tas-7 ta' Mejju 2009 fi Praga jkkostitwixxu attakk aħrax fuq il-ħaddiema bil-għan li jkunu protetti l-profitti magħmula mill-monopolji.

Ir-rapporti mfassla mill-Fond Soċjali Ewropew, mill-Fond Monetarju Internazzjonali u mill-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp jirrappreżentaw il-pedestall ideoloġiku biex is-sistema kapitalista tintroduċi 'bidliet strutturali' ġodda maħsuba biex iġibu magħhom miżuri aktar ħorox u saħansitra aktar radikali kontra l-ħaddiema, b'mod partikolari: l-użu ġeneralizzat ta' forum ta' impjegji flessibbli, attakk fuq il-ftehimiet kollettivi, tnaqqis drastiku fil-pagi u l-pensjonijiet, żieda fl-età tal-irtirar u żieda fit-taxxa għall-impjegati, il-pensjonanti u dawk li jaħdmu għal rashom, kif ukoll il-privatizzazzjoni tas-saħħa, il-benesseri u l-edukazzjoni.

Il-linji gwida tal-Kummissjoni għal "riformi strutturali dejjiema", li din qed tiddiskuti u tiddeċiedi b'mod konġunt mal-Gvern tad-Demokrazija l-Għida fil-Greċja, se jkunu jinkludu l-miżuri ħorox u antipatiċi deskritti hawn fuq?

Imressqa: 31.08.2009

el